ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Novembru, 2024

Talba Nru: CCT202/22/DS

Josepf u Tania Camilleri

Vs

MBL Garage Door Solutions u s-Sur Keith Balzan f'ismu propju kif ukoll bħala rapprezentant ta' MBL Garage Door Solutions

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fid-29 ta' Dicembru, 2022 fejn talbu illi jiġu rifużi l-ammont ta' ħamest elef u sitt mitt Ewro (€5,600) illi huma kienu ħallsu għal *sliding gate* mingħand *MBL Garage Doors Solutions* mill-liema huma warrbu l-ammont illi jissupera l-ħamest elef Ewro (€5,000) mit-talba tagħhom fi stadju fejn il-kompetenza ta' dan it-Tribunal kienet sa ħamest elef Ewro (€5,000).

Ra illi fil-mori tal-kawża nbidlet il-liġi u għolliet il-kompetenza tat-Tribunal għall-ammont ta' danni sa għaxart elef Ewro (€10,000). *Stante* illi dan it-Tribunal għandu l-poter jirregola l-proċedura tiegħu u fuq bażi ta' ġustiżżja u ekwita' qiegħed iqis kull d-dikjarazzjoni li wieħed kellu jiffirma għaliha fil-bidu tal-proċeduri fl-Avviż tat-Talba dwar il-limitazzjoni tat-talba għall-għola ammont permissibbli bil-liġi taħt dan it-Tribunal bħala ammont li għola awtomatikament għal dak l-ammont ta' danni illi llum huwa fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal li jiddeċiedi, anka jekk jagħti l-każ li ma tkunx saret talba. Għaldaqstant galadarba l-ammont mitlub mill-intimat baqa' ta' ħamest elef u sitt mitt Ewro (€5,600) mhux ser jitqies illi xi parti minn dan l-ammont ġie mwarrab mit-talba.

Ra illi t-talba saret kontra MBL Garage Door Solutions – Keith Balzan w'għaldaqstant it-talba ġiet limitata kontra persuna partikolari fi ħdan is-soċjeta' intimata.

Ra illi s-Sur Keith Balzan kien debitament notifikat f'isem is-soċjeta' intimata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ permezz tan-notifika fit-2 ta' Mejju, 2023 fl-indirizz tal-istess soċjeta' intimata.

Ra illi s-Sur Keith Balzan f'ismu propju intavola risposta li fiha sostna illi huwa ma jistgħax jirrapprezenta lill-*MBL Garage Door Solutions* għaliex is-Sur Michael Balzan kien *sole owner* ta' l-imsemmija soċjeta' u għaldaqstant għamel l-eċċezzjoni illi huwa m'huwiex il-leġittimu kuntradittur.

L-atturi preżentaw żewġ sentenzi ta' dan it-Tribunal diversament presedut illi fihom hemm deċiż illi *MBL Garage Doors Solutions* hija filfatt in operazzjoni u s-Sur Keith Balzan huwa meqjus rappreżentant tal-istess.

L-atturi talbu ukoll bidla fl-okkju waqt is-seduta tal-4 ta' Settembru, 2023 biex l-okkju jaqra **MBL Garage Door Solutions u s-Sur Keith Balzan f'ismu propju kif ukoll bħala rapprezentant ta' MBL Garage Door Solutions** u t-Tribunal ikkonċeda t-talba.

Dan it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jikkunsidra l-eċċezzjoni preliminari qabel jgħaddi biex jikkunsidra t-talbiet tal-atturi.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda kollha bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi s-Sur Keith Balzan sostna illi huwa missieru, s-Sur Michael Balzan, illi huwa sid is-soċjeta' intimata u huwa m'huwiex f'pożizzjoni li jirrapprezenta l-kumpanija. Dan għalkemm minn diversi emails li għaddew bejnet il-partijiet jirriżulta illi huwa jiffirma b'titolu ta' *Managing Director*, jippreżenta lilu nnifsu bħala tali u kien għadu jagħmel dan anka waqt il-proċeduri odjerni tant illi għalkemm *f'email* lill-impjegata tal-MCCAA datata 9 ta' Mejju, 2023 intqal illi Keith Balzan huwa *"ex-employee"* hekk kif intalab differiment għas-smiegħ tal-kawża, din l-email kienet mibgħuta mill-istess Keith Balzan minn *email* li ssejjaħ lill-*MBL Doors* - info@mblmalta.com. Wieħed għaldaqstant ċertament jiddubita l-veraċita ta' l-istess dikjarazzjoni magħmula minnu stess illi s-Sur Balzan m'għadux impjegat tas-soċjeta' intimata. Ulterjorment huwa bagħat ukoll *emails* lis-segreterija ta' dan it-Tribunal minn *email* bl'istess indirizz elettroniku fejn sostna illi *"I...was only an employee of MBL Garage Doors solutions and I am in no way responsible for the claims being claimed by Josef and Tania Camilleri"* b'dana illi għalkemm jipprova jagħti x'jifhem illi huwa kien sempliċi impjegat fil-passat u li ma kellu l-ebda responsabbilta', f'istess email li jgħid dan il-kliem huwa jiffirma bħala Keith Balzan – *Managing Director* u l-indirizz illi jagħti taħt il-firma tiegħu huwa wkoll dak tas-soċjeta' attriċi kif jista' jiġi kkonstatat minn dokumenti oħra fl-atti tal-kawża.

Illi għal dawn ir-raġunijiet l-atturi m'għandhomx tort jaħsbu illi s-Sur Balzan, illi wara kollox kien il-persuna illi huma kellhom x'jaqsmu miegħu f'din it-tranżazzjoni, kien il-persuna responsabbli illi kontriha kellhom jifthu dawn il-proċeduri.

Illi għalkemm anka s-Sur Charles Alamango ta x'jifhem illi is-Sur Michael Balzan kien il-persuna illi jiddeċiedi l-affarijiet, kif ukoll illi kien l-istess Michael Balzan illi kellu aċċess għall-fondi tal-kumpanija, l-atturi baqgħu isostnu illi r-relazzjoni ġuridika tagħhom kienet mas-Sur Keith Balzan għaliex fl-aħħar mill-aħħar huwa kien li qalilhom illi ser jingħataw il-flus tal-iggalvanizzar u meta għamel dan kien qalilhom sabiex l-*invoice* għall-istess iggalvanizzar toħroġ fuq is-soċjeta' 808 Manufacturing Ltd. li tagħha huwa stess qal taħt ġurament illi kien u huwa d-direttur.

Illi r-relazzjoni ġuridika bejn l-atturi u s-Sur Keith Balzan m'hijiex waħda illi ssegwi r-regoli u n-normi kummerċjali *stante* illi minn banda huwa jgħid li huwa l-*Managing Director* meta mbgħad jixhed li fil-fatt m'hux, jinnegozja f'isem is-soċjeta *MBL Garage Doors Solutions* daqs li kieku huwa hu li jieħu d-deċiżjonjiet u għandu r-responsabbilta' illi jara li jiġu eżegwiti (tant illi talab illi l-*invoice* tal-iggalvanizzar sabiex jiġu rifużi l-flus lill-atturi tintbagħat lill-808 Manufacturing Ltd. illi tagħha hu huwa d-direttur u mhux missieru) pero' mbgħad isostni illi l-atturi ġew offruti nofs l-ammont imwieghed għaliex kien missieru s-Sur Michael Balzan illi kien jiddetta x'jiġri.

Dan it-Tribunal iħoss illi dan kollu jkompli jsaħħaħ l-opinjoni tiegħu illi m'għandhomx tort l-atturi li originarjament indirizzaw il-kawża f'isem *MBL Garage Doors Solutions* – Keith Balzan meta huwa s-Sur Keith Balzan illi kien konsapevolment rrappreżenta ruħu b'mod erroneu u falz bħala direttur tas-soċjeta *MBL Garage Door Solutions* b'dik li tidher il-benedizzjoni tal-vera direttur tal-istess kumpanija, u cioe missieru tant illi anka l-ħaddiem bħas-Sur Charles Alamango xehed illi l-kariga tiegħu (Keith Balzan) kienet ta' '*direttur*'.

L-aġir kummerċjali tal-kumpanija *MBL Garage Door Solutions*, inkluż iżda mhux limitatament għall-aġir tas-Sur Keith Balzan, huwa suspettuz u jidher illi intuża bħala skuża sabiex tipprova tiġi evitata r-responsabilita' potenzjalment naxxenti mill-ġudizzju f'din il-kawża. Dan it-Tribunal pero' mhux ser jippermetti illi aġir skorrett u sleali lejn il-klijenti jbatu l-konsekwenzi tiegħu l-atturi.

Fid-dawl ta' dan kollu dan it-Tribunal jagħmel referenza għad-domanda magħmula lis-Sur Charles Alamango in kontro eżami fejn :

> *"Meta mistoqsi x'kariga għandu s-Sur Keith Balzan fil-kumpanija, ngħid illi dik iż-żmien kien għadu fil-bidu tal-*

karriera tiegħu, kien għadu qed jitgħallem u kien jimxi taħt l-istruzzjonijiet ta' missieru. Ngħid li bħala isem tal-kariga tiegħu kien direttur."

Is-Sur Keith Balzan fir-risposta tiegħu ukoll sostna illi :

'Any action I ever took during my employment in connection with Mr and Mrs Camilleri was under the direction of my father who was the sole administrator and decision maker of the said company.'

Fix-xhieda tiegħu huwa jikkonferma wkoll illi l-emails tiegħu kienu jgħidu li huwa '*managing director*' għalkemm qatt ma kien.

Dan it-Tribunal jagħmel referenza wkoll għall-insenjament tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni tagħha, fl-ismijiet **P.L. Adrian Borg noe vs Alfred Fenech** et deċiża fl-**14 ta' Novembru 2002** li rreferiet għall-kawza :

'"Borg vs Camilleri" deciza fis-7 ta' April, 1997, "If the outsider is dealing with the company in good faith, he will be able to enforce any contract made by an agent on the company's behalf, if that agent was acting within his authority, irrespective of any internal or external irregularities in the company's machinery. An agent may bind his principal if he has acted within his actual, ***implied or apparent authority".'***

Għaldaqstant, u stante wkoll illi dan it-Tribunal jimxi fuq binarji ta' ekwita u ġustizzja, l-eċċezzjoni illi l-intimat għamel illi m'huwiex il-leġittimu kuntradittur qiegħda tiġi miċħudha u ser jitqies bħala legittimu kuntradittur kemm bħala f'ismu propju (jekk jiġi kkunsidrat illi mar oltre l-limiti tal-awtorita' li kkonċedietlu l-kumpanija) u kemm f'isem il-kumpanija (jekk jiġi kkunsidrat illi ma qabiżx il-limiti tal-awtorita' li kkonċedietlu l-kumpanija);

Ikkunsidra ulterjorment

Illi dan il-każ in suċċint jikkonċerna grada illi kienet mixtrija mis-soċjeta' intimata rappreżentata mis-Sur Keith Balzan illi kienet ittieħdet lura mis-soċjeta' intimata biex tiġi ggalvanizzata wara li beda hiereg is-sadid. Meta twaħħlet lura fil-post l-atturi infurmaw lir-rappreżentanti tas-soċjeta' intimata illi l-problema tas-sadid reġgħet feġġet.

L-atturi provaw jikkuntattjaw lis-soċjeta' intimata kemm -il darba pero' anka meta għamlu appuntament magħhom ma żammewhx sakemm fl-aħħar talbu kwotazzjoni mingħand ħaddiehor li tal-iggalvanizzar u l-*ispray* talabhom elf sebgħa mija wieħed u għoxrin Ewro (€1,721) u talbu li jiġu riżarċiti dan l-ammont. Is-Sur Balzan kien ikkonferma magħhom illi kien aċċetta li jħallas dan l-ammont biex jagħmel tajjeb għall-iggalvanizzar u l-*ispray*. Dan joħroġ ċar min email illi tinsab bħala prova fl-atti. Għalkemm talabhom jibgħatulu l-kwotazzjoni u d-dettajli tal-bank sabiex jeffettwa l-pagament dan baqa' ma seħħx u huwa bagħatilhom email oħra fejn infurmahom li kellhom imorru għall-flus mill-uffiċju tiegħu u aċċettaw li jagħmlu ħekk fis-16 ta' Novembru, 2022. Meta marru is-Sur Alamango, ħaddiem mas-soċjeta' intimata infurmahom li s-Sur Balzan kien ser jgħaddilhom biss disa' mitt Ewro (€900) bil kumplament jiġi mgħoddi lilhom wara li tiġi preżentata l-irċevuta tal-iggalvanizzar. Meta dan ma kienx aċċettabbli għall-atturi għaliex mhux dak kien il-ftehim ġew infurmati illi ma kienu ser jingħataw xejn.

F'dan l-istadju huma ddeċidew illi jitolbu l-ammont sħiħ tal-preżż li ħallsu bħala rifużjoni u fethu din il-kawża.

Illi dan it-Tribunal m'għandu l-ebda dubju illi s-soċjeta' intimata kienet għamlet wieġħda tal-ħlas għall-iggalvaniżżar u l-ispray, liema wieġħda kienet magħmula mis-Sur Keith Balzan f'isem il-kumpanija tant illi kien id-direttur, is-Sur Michael Balzan illi kien ħalla ammont sabiex jingħata lill-atturi bi strużżjonijiet illi l-bqija jingħata lilhom meta jkun preżentat b'irċevuta. Għalkemm dak ma kienx il-ftehim li daħal fih is-Sur Kieth Balzan mal-atturi, jidher ċar illi l-idea li jitħallsu kienet kondiviża. Dan juri illi l-kumpanija kienet taċitament aċċettat illi l-grada reggħa ħarġilha s-sadid, li kellha l-obbligu li tagħti solużżjoni u li kien ikun aħjar jekk dan il-proċess ma jsirx minnha. Dan juri wkoll illi l-ħlas kien qiegħed isir bil-kunsens tad-direttur is-Sur Michael Balzan. Għaldaqstnat dan it-Tribunal mhux ser jidħol fil-mertu ta' jekk kellhomx raġun o meno l-atturi jitolbu l-ħlas għad-danni. Dan għaliex kien hemm aċċettażżjoni taċita malli ġie offrut il-pagament. Ir-ripensamenti kollha li kien hemm wara huma meramanet tentattiv sabiex l-obbligu li daħlet fih il-kumpanija tipprova tiżgiċċa minnu.

Li fadal x'jiġi deċiż għaldaqstant huwa jekk l-atturi għandhomx jingħataw rifużżjoni tal-grada fl-intier tagħha jew jekk il-ftehim għall-ħlas ta' elf sebgħa mija wieħed u għoxrin Ewro (€1,721) jorbotx lill-partijiet. Fuq din il-kwistjoni ta' min jgħid illi galadarba il-ftehim ma seħħx u l-atturi ġew infurmati li mhu ser jingħataw xejn dik l-offerta ma għadhiex waħda valida.

F'dan l-istant, dan it-Tribunal għandu talba għall-ammont sħiħ ta' ħamest elef u sitt mitt Ewro (€5,600). Galadarba ma ntlaħaqx ftehim bonarju li ġie onorat għalkemm f'isem is-Sur Keith Balzan stess waqt id-depożizzjoni tiegħu qal li

'huwa minnu li offrejt li nħallas', dan it-Tribunal huwa moralment konvint illi l-atturi għandhom raġun fit-talbiet tagħhom.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provaw il-każ tagħhom suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħhom għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' illi *t-trade name* tagħha huwa *MBL Garage Doors Solutions* tirrifondi s-somma ta' ħamest elef u sitt mitt Ewro (€5,600) lill-atturi kif ukoll tikkundanna lill-istess soċjeta' tħallas is-somma ta' mitejn Ewro (€200) lill-istess attruri bħala danni morali għall-inkonvenjenza li kkawżatilhom. L-atturi għandhom jiftehmu mas-soċjeta intimata sabiex tmur taqla l-grada f'data konvenjenti għalihom bl-intendiment illi dan iseħħ fl-istess perjodu li tkun ser tiġi nstallata l-grada l-gdida sabiex ma jkunx hemm inkonvenjent ulterjuri għall-atturi. Jekk meta mitluba tagħmel dan is-soċjeta' intimata ma tiġix l-atturi qiegħdin min issa jingħataw id-dritt illi jqabbdu persuni tal-fiduċja tagħhom jaqalgħu il-grada a spejjeż tas-soċjeta' intimata u s-soċjeta' intimata titqies illi ma jkollha l-ebda nteress tirkupra l-grada.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru